L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 7 ta' Dicembru, 2001

**Li kieku**

*… ghalkemm ftit qatt jistghu jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin il-kafé u l-Unjoni Ewropea, jekk wiehed jahseb naqra fil-fond forsi jirnexxilu jsib paralellizmu qawwi bejn is-sitwazzjoni tas-salott u dik tan-negozjati tal-gvern Malti. U jekk ma tridx kafé l-gvern m'ghandux ghajr lilu x'joffrilek!*

Hafna jghidu li l-kieku qatt ma kien, izda meta l-kieku npogguha bhala possibilità biex naghmlu lista ta' prijoritajiet finanzjarji u b'hekk nibnu strategija ta' kif se nohorgu l-massimu mil-limitu finanzjarju taghna – allura naslu biex nghidu li l-kieku jista' jkun mhux biss ipotesi jew holma, izda analizi saggi biex mil-limitu tohrog il-massimu.

Id-dritt u l-ligijiet kollha huma mfassla fuq l-ipotesi ta' kif wiehed jista' jagixxi (fil-ligi penali) u f'dik civili wkoll fuq sitwazzjonijiet ipotitici li jistghu jinholqu matul iz-zminijiet biex il-ligi miktuba kif ukoll id-dritt li m'huwiex miktub fl-eventwalità li jinqala' l-kaz (rari kemm huwa rari) jkunu lesti ghalih.

U hafna drabi, xi darba jew ohra, matul il-mixja taz-zmenijiet il-kaz fil-fatt jinqala'. Dan ifisser li mill-ipotesi jista' johrog hafna gid ghax minnha l-bniedem jista' jimmagina s-sitwazzjonijiet kollha li jistghu jirrizultaw u jhejji ruhu ghalihom.

Izda mbaghad hemm tip ta' ipotesi differenti. Dik li, ghalkemm issir ghalxejn, specjalment minn dawk li jaghrblu l-istorja, titfa' dawl fuq kif il-process ta' l-istess storja seta' mar ghall-ahjar jew ghall-aghar kieku r-rotot hadu x'imkien iehor. Wiehed jistaqsi x'valur socjali jista' jkollu dan? Izda ghalkemm ipotesi bhal dawn ma joffrux rizultat dirett, joffru l-gherf li jista' jinkiseb biss wara li jsehh l-att, u li seta' harab l-immaginazzjoni ta' dawk li ppruvaw jibnu l-ipotesi ta' l-ewwel tip. Il-Malti stess jghidilna 'wara, kulhadd gharef!'. Huwa dan it-tip ta' gherf li johrog minn dawk li jipotizzaw wara li kollox ikun maghmul.

Izda kieku kellna naghmlu t-tieni tip ta' ipotesi dwar kif il-fondi ghall-*budget* li ghadda setghu tqassmu, jista' jkun li naraw li certi fondi li qed jintefqu bhala prijoritajiet fuq certi oqsma, li kieku kien ghalina, nonfquhom jew nixtiequ nonfquhom jew nixtiequ li jintefqu mod iehor.

Ghal haddiehor il-prijoritajiet huma li jaghmel ir-ricevimenti u jakkomoda l-barranin f'darna u lil xi ghaqdiet li jiftahru li huma newtrali biex jinformaw lill-poplu dwar x'inhija l-ahjar triq ghalih (minkejja l-fatt li t-triq li qed joffru hija wahda biss – aghar u aghar li minnha m'hemmx ritorn!). Dan jaghmluh b'assunzjoni, qisha, li l-poplu Malti ghadu ma fehemx x'tezori (jew pizijiet!) hemm mohbija ghalih bi shubija shiha. Fl-istess hin l-istess informazzjoni sservi wkoll ta' speci ta' ghajnuna psikologika minn esperti biex jinholoq manigjar tal-krizi tac-cittadin ghat-taqlib li shubija shiha se ggib maghha. Izda kieku forsi c-cittadin kellu dan kollu f'idejh kien jiddeciedi li ghexieren ta' eluf jintefqu fuq dan il-fond?

Kieku jien inkun mistiedna ta' xi hadd, u jpoggini fuq is-sufan u joffrili kafé biss forsi nistkerrah jekk kelli aptit tè. U iktar u iktar nistkerrah li kieku biex jghatti l-fatt li m'ghandux dak li xtaqt jien jibda jispjegali l-benificcji u l-gid li jaghmilli l-kafé fis-sistema digestiva, kemm huwa l-iktar xorb popolari mad-dinja kollha, kemm jistaqsuh nies li jigu ghandu ghall-kafé u ma jkunux iridu tè! U iktar u iktar nistkerrah u ninkorla jekk imbaghad imerini li jekk nippreferi l-kafé mit-tè qed naghmel hazin u jmissni nibda niehu l-kafé.

Ghalkemm sitwazzjoni bhal din tista' tidher tad-dahk, daqshekk iehor hija tad-dahk is-sitwazzjoni f'pajjizna dwar l-Unjoni Ewropea. Ghax ghalkemm ftit qatt jistghu jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin il-kafé u l-Unjoni Ewropea, jekk wiehed jahseb naqra fil-fond forsi jirnexxilu jsib paralellizmu qawwi bejn is-sitwazzjoni tas-salott u dik tan-negozjati tal-gvern Malti. U jekk ma tridx kafé l-gvern m'ghandux ghajr lilu x'joffrilek!

Insomma – u dawk id-disghin elf … Ehh! … disghin elf!… kieku kien ghall-poplu kieku kif kien jonfoqhom? … biex jiehu kafé wara kafé wara kafé bla ma jista' jifhem il-beneficcji tal-kafé u bil-persuna ta' quddiemu ttaqtaqlu kemm huwa tajjeb il-kafé u ma tistax tifhem kif ghadu ma ntebahx kemm huwa tajjeb il-kafé. Forsi dawk id-disghin elf ma kinux jintefqu kollha kafé … min jaf … kieku konna nonfquhom tè! Ehh! … li kieku ….!

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*